



# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI  
MENGOZZI  
ppreżentati fit-30 ta' Mejju 2018<sup>1</sup>

**Kawża C-430/16 P**

**Bank Mellat**

**vs**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

“Appell – Tisħiħ tal-miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran – Miżuri settorjali – Ammissibbiltà – Dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni globali komuni matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Effett fuq l-interess ġuridiku fil-kuntest tal-appell – Effett fuq il-persistenza tal-interess ġuridiku quddiem il-Qorti Ġenerali – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni – Artikolu 275 TFUE – Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Kunċett ta' 'miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi' – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kunċett ta' miżuri ta' implimentazzjoni – Artikolu 215 TFUE – Kunċett ta' neċessità – Prinċipju ta' proporzjonalità – Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni”

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża .....	3
II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata .....	4
III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet .....	5
IV. L-analiżi ġuridika .....	5
A. B'mod prinċipali, dwar l-ammissibbiltà tal-appell .....	6
1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet .....	6
2. Analiżi .....	7
a) Fuq l-effetti tal-pjan ta' azzjoni .....	8
b) Fuq l-ewalwazzjoni in concreto tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat .....	9

<sup>1</sup> Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

B. B'mod sussidjarju, dwar il-persistenza tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali .....	11
C. B'mod iktar sussidjarju .....	12
1. Fuq ir-raba' u l-ħames aggravju, ibbażati fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali .	12
a) Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE .....	12
1) Is-sentenza appellata .....	12
2) Sommarju tal-argumenti tal-partijiet .....	13
3) Analiżi .....	14
b) Fuq il-ħames aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali .....	17
1) Is-sentenza appellata .....	17
2) Argumenti tal-partijiet u analiżi .....	17
2. Fuq l-aggravji dwar il-mertu tal-appell .....	19
a) Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq żball fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' neċessità fis-sens tal-Artikolu 215(1) TFUE .....	19
b) Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità .....	20
c) Fuq it-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet li s-sistema kontenzjuża kienet konformi mal-prinċipji ġenerali tal-liġi .....	22
V. Fuq l-ispejjeż .....	24
VI. Konklużjoni .....	24

1. Permezz ta' dan l-appell, Bank Mellat jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Ġunju 2016, Bank Mellat vs Il-Kunsill<sup>2</sup> (iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors għal annullament tiegħu ppreżentat kontra l-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<sup>3</sup> kif ukoll it-talba tiegħu sabiex jiġi ddikjarat inapplicabbli l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<sup>4</sup>.

2 T 160/13 (EU:T:2016:331).

3 ĠU 2012, L 356, p. 34.

4 ĠU 2012, L 282, p. 58.

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2. Mill-punti 1 *et seq* tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellant, Bank Mellat, huwa Bank kummerċjali Iranjan. Fil-kuntest tal-miżuri ristrettivi individwali introdotti bil-għan li jagħmlu pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex din ittemm l-attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari (iktar 'il quddiem il-“proliferazzjoni nukleari”), isem l-appellant ġie inkluż, għall-ewwel darba, fil-lista ta' entitajiet involuti fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana fis-26 ta' Lulju 2010<sup>5</sup>. Wara emendi leġiżlattivi li saru sussegwentement, isem l-appellant reġa' ġie inkluż fl-atti tal-2010 u tal-2012<sup>6</sup>.

3. Fin-nuqqas ta' impenn serju mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li jipparteċipa fin-negozjati<sup>7</sup>, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li kien meħtieġ li jiġu adottati miżuri restrittivi addizzjonali permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2012/635. Il-punt 6 tal-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni emenda l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2010/413. Ir-Regolament Nru 1263/2012 ġie adottat ukoll f'dan il-kuntest u emenda r-Regolament Nru 267/2012. B'mod partikolari, l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 emenda l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012 u żied l-Artikoli 30a u 30b ta' dan tal-aħħar<sup>8</sup>. Is-sistema kontenzjuża tista' tiġi deskritta kif ġej.

4. Essenzjalment, l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jipprevedi restrizzjonijiet għat-tranżazzjonijiet finanzjarji bejn, minn naħa, l-istabbilimenti finanzjarji u ta' kreditu u l-uffiċċji ta' skambju stabbiliti fl-Iran kif ukoll il-fergħat u sussidjarji tagħhom u l-istabbilimenti finanzjarji u ta' kreditu u l-uffiċċji ta' skambju kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi ddomiċiljati fl-Iran, u, min-naħa l-oħra, l-istabbilimenti finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

5. Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jistgħu jitwettqu biss trasferimenti umanitarji, trasferimenti ta' fondi personali, trasferimenti marbuta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku sakemm it-trasferiment inkwistjoni ma jkunx ipprojbit mill-imsemmi regolament, trasferimenti li jirrigwardaw missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali, trasferimenti li jirrigwardaw il-pagamenti intiżi li jissodisfaw pretensjonijiet minn jew kontra persuna, entità jew korp Iranjan jew it-trasferimenti ta' natura simili, kif ukoll trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn tipi oħra ta' kuntratti.

6. Mill-Artikolu 30(3) sa (5) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jirriżulta li t-trasferimenti ta' fondi li jistgħu jiġu awtorizzati skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu huma suġġetti, skont il-każ u l-għan tagħhom, għal obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-awtorità nazzjonali kompetenti.

7. L-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jipprevedi, b'mod partikolari, ċerti restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' fondi bejn, minn naħa, persuni, entitajiet jew korpi Iranjani u, min-naħa l-oħra, residenti tal-Unjoni, li ma jissemewx mill-Artikolu 30 tal-istess regolament.

8. Skont l-Artikolu 30b(1) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, ir-restrizzjonijiet previsti fl-Artikoli 30 u 30a tal-istess regolament ma japplikawx meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 24 sa 28a tal-imsemmi regolament.

5 Jiġifieri fl-Anness II Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010, L 195, p. 39) (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni 2010/413”) u fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, p. 969).

6 Jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1) imbagħad ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1).

7 Ara l-premessa 5 tad-Deċiżjoni 2012/635.

8 Sabiex nirreferi għall-Artikoli 30, 30a u 30b kif emendati jew introdotti permezz tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012, ser nerġa' nirreferi għall-imsemmija artikoli b'riferiment għar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat.

9. L-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jipprevedi li, għall-finijiet tal-Artikolu 30(3)(b) u (c) u l-Artikolu 30a(1)(c) tal-istess regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni, skont il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, salv jekk ikollhom raġuni li għegħilhom jaħsbu li t-trasferiment ta' fondi li għalih intalbet l-awtorizzazzjoni jista' jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet jew obbligi previsti mill-imsemmi regolament.

## II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

10. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Marzu 2013, l-appellant ippreżenta rikors għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 u għal dikjarazzjoni ta' inapplicabbiltà fir-rigward tiegħu tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635.

11. Qabel ma bdiet l-evalwazzjoni tal-motivi dwar il-mertu, il-Qorti Ġenerali vverifikat *ex officio* il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' inapplicabbiltà tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635, li fir-rigward tiegħu l-appellant kien speċifika li kellu jiġi interpretat bħala eċċezzjoni ta' illegalità fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni fuq dan il-punt<sup>9</sup>. Madankollu, hija ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet relatati mar-Regolament Nru 1263/2012<sup>10</sup>.

12. Fir-rigward ta' dawn, il-Qorti Ġenerali mbagħad ivverifikat li r-rekwiżiti mitluba fl-Artikolu 263 TFUE kienu ssodisfatti f'dan il-każ<sup>11</sup>. Mid-dispożizzjonijiet kollha li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 emenda jew introduċa fir-Regolament Nru 267/2012, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li huma biss l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 30(3)(a) sa (c) u l-Artikolu 30(5) tar-Regolament Nru 267/2012 kif emendat li kienu inklużi f'att regolatorju, kienu jaffettwaw direttament lill-appellant u ma kinux jinkludu miżuri ta' implimentazzjoni. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumpliment tar-rikors bħala inammissibbli.

13. Finalment, il-Qorti Ġenerali vverifikat l-eżistenza tal-interess ġuridiku tal-appellant fil-mument tal-preżentata tar-rikors<sup>12</sup>. Minkejja li dan tal-aħħar kien ukoll is-suġġett ta' miżuri restrittivi individwali li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 ma kienu jipproduċi, skont il-Kunsill, effetti ġuridiċi supplimentari, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellant kien suġġett, wara l-annullament tal-imsemmija miżuri restrittivi individwali konsekuttivi għaċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-appell fil-Kawża Il-Kunsill vs Bank Mellat<sup>13</sup>, għall-effetti prodotti mill-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 u kkonstatat li kellu interess ġuridiku sabiex jikkontesta l-legalità tiegħu quddiemha fil-limiti preċedentement deskritti.

14. Meta għaddiet għall-eżami tal-mertu tar-rikors tal-appellant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq ir-raba' motivi mqajma. L-ewwel wieħed kien ibbażat fuq il-fatt li s-sistema kontenzjuża ma għandhiex bażi legali fir-rigward tal-Artikolu 215 TFUE peress li ma hemmx rabta loġika mal-għan tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) allegatament imfittex. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-fatt li s-sistema kontenzjuża ma għandhiex bażi legali fir-rigward tal-Artikolu 215 TFUE peress li hija sproporzjonata fir-rigward tal-għan tal-PESK li għandu jintlaħaq. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li s-sistema kontenzjuża tmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll kontra l-Artikolu 215(3) TFUE, b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali, nuqqas ta'

9 Għal sommarju tas-sentenza appellata, ara l-punti 73 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Għall-eżami dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali, ara l-punti 25 sa 40 tas-sentenza appellata.

11 Ara l-punti 41 sa 67 tas-sentenza appellata.

12 Ara l-punti 68 sa 78 tas-sentenza appellata.

13 Sentenza tat-18 ta' Frar 2016 (C-176/13 P, EU:C:2016:96).

arbitrarjetà, u ta' ugwajanza fit-trattament, l-obbligu ta' motivazzjoni u r-rekwiżit li s-sanzjonijiet ikollhom il-garanziji ġuridiċi neċessarji. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà tal-appellant, id-dritt tiegħu li jeżerċita attivitajiet ekonomiċi, id-dritt għall-moviment liberu tal-kapital kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

15. Peress li l-ebda motiv dwar il-mertu ma ntlaga', il-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors.

### III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

16. Fit-2 ta' Awwissu 2016, Bank Mellat ippreżenta appell kontra s-sentenza appellata. Fit-talbiet tiegħu, huwa jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha tannulla s-sentenza appellata; tannulla l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 fl-intier tiegħu jew sa fejn applikabbli għalih; tiddikjara li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 ma huwiex applikabbli għalih; tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż relatati mal-appell u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

17. Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lil Bank Mellat għall-ispejjeż. Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq<sup>14</sup>, intervenjenti insostenn tal-Kunsill matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali jitolbu wkoll l-istess.

18. L-appellant, il-Kunsill, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Jannar 2018.

### IV. L-analiżi ġuridika

19. Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant iqajjem ħames aggravji. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' neċessità fis-sens tal-Artikolu 215 TFUE. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat li s-sistema kontenzjuża kienet proporzjonata. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li s-sistema kontenzjuża kienet konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE minħabba l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx b'mod globali li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 263 iżda għamlet eżami individwali ta' kull element tas-sistema kontenzjuża li kien għen sabiex jimplementa. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha minħabba l-fatt li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-ilmenti magħmula kontra l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635.

20. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill isostni li Bank Mellat ma għandux interess fid-deċiżjoni tal-appell, minħabba l-fatt li s-sistema kontenzjuża "tneħħiet" b'effett mis-16 ta' Jannar 2016, u li l-appell għalhekk kellu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġi ddikjarat inammissibbli.

<sup>14</sup> Ir-Renju Unit ippreżenta appell incidentalni fl-14 ta' Ottubru 2016 qabel ma finalment irtirah fil-21 ta' Ġunju 2017.

## A. B'mod prinċipali, dwar l-ammissibbiltà tal-appell

### 1. Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

21. Il-Kunsill jikkontesta l-ammissibbiltà tal-appell u jargumenta dwar in-nuqqas ta' interess fis-soluzzjoni tat-tilwima ta' Bank Mellat minħabba t-“tneħħija” jew l-“irtirar” tal-miżuri kkontestati li ma għadhomx iktar “applikabbli” għall-appellant mis-16 ta' Jannar 2016 minħabba l-pjan ta' azzjoni globali komuni (iktar 'il quddiem il-“pjan ta' azzjoni”)<sup>15</sup> konkluż mar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Filwaqt li jfakkar is-sentenza Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-“sentenza Abdulrahim”)<sup>16</sup> – minkejja li jiddubita li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' miżuri restrittivi mhux individwali -, il-Kunsill isostni li Bank Mellat ma jista' jieħu l-ebda benefiċċju minn dan l-appell, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura ġenerali tas-sistema kontenzjuża. Ma huwa mistenni l-ebda tibdil fl-aġir tal-Kunsill. Fir-rigward ta' eventwali rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-fatt stess li din tal-aħħar ikkonkludiet li s-sistema ġenerali kienet legali jfikkli li tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, Bank Mellat ma jistax juża xi preġudizzju għar-reputazzjoni tiegħu, preċiżament minħabba n-natura ġenerali tas-sistema kontenzjuża, l-assenza ta' allegazzjoni ta' parteċipazzjoni personali tal-appellant fl-attività kkontestata u s-sottomissjoni parallela ta' Bank Mellat għall-miżuri restrittivi individwali iktar severi.

22. Essenzjalment, il-Kummissjoni tirreferi għad-dubbi tagħha dwar l-eżistenza ta' interess ta' Bank Mellat sabiex jippreżenta l-imsemmi appell u tenfasizza li l-miżuri restrittivi individwali li għalihom kien ġie suġġett sas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Il-Kunsill vs Bank Mellat<sup>17</sup> kienu ħafna iktar severi fil-konfront tiegħu, b'tali mod li l-annullament tas-sistema ġenerali li hija s-suġġett fil-kuntest ta' dan l-appell tkun, fi kwalunkwe każ, mingħajr effett fuq Bank Mellat. Barra minn hekk, dan tal-aħħar irrikonoxxa l-assenza ta' effett reali tas-sistema ġenerali kkontestata fuq is-sitwazzjoni tiegħu. L-annullament definittiv tal-miżuri restrittivi individwali li jikkonċernawh kif ukoll l-irtirar tas-sistema ġenerali kellhom bħala effett li jeliminaw l-effetti kollha ġuridiċi eventwali prodotti fuq Bank Mellat.

23. Min-naħa tiegħu, Bank Mellat jidentifika erba' benefiċċji distinti li huwa għadu jista' jikseb bl-annullament tas-sistema ġenerali minkejja l-fatt li din kienet ġiet irtirata b'effett mis-16 ta' Jannar 2016. Billi bbaża ruħu fuq is-sentenza Abdulrahim<sup>18</sup>, l-ewwel nett, jargumenta li l-imsemmi annullament jippermetti li l-Kunsill jiġi prekluż mill-jimplimentazzjoni jew jadotta mill-ġdid atti simili fil-futur. Dan ikun iktar sinjifikattiv milli jekk l-irtirar tas-sistema ġenerali tkun waħda provviżorja. It-tieni nett, il-kisba tal-annullament tippermetti lil Bank Mellat iżomm l-opportunitajiet li jintroduċi sussegwentement talba għad-danni. It-tielet nett, l-abrogazzjoni jew l-iskadenza tas-sistema ġenerali ma tneħħix lil Bank Mellat l-interess li jstabbilixxi l-illegalità minħabba l-fatt li l-effetti ta' din l-abrogazzjoni jew ta' din l-iskadenza ma jitħalltux ma' dawk ta' annullament<sup>19</sup>. Ir-raba' nett, is-sistema ġenerali pproduċiet effetti negattivi fuq ir-reputazzjoni tal-appellant minħabba r-rabta stabbilita mill-Kunsill fis-sistema ġenerali bejn il-banek u l-proliferazzjoni nukleari<sup>20</sup> u l-kisba tal-annullament

15 Ara l-Artikolu 1(17) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 274, p. 174), l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1861 tat-18 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 274, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/37 tas-16 ta' Jannar 2016 dwar id-data ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2015/1863 (ĠU 2016, L 111, p. 11), kif ukoll in-nota ta' informazzjoni dwar id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament 2015/1861 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1862 li jimplementa r-Regolament Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 274 I, p. 161).

16 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331)

17 Sentenza tat-18 ta' Frar 2016 (C-176/13 P, EU:C:2016:96).

18 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013 (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

19 L-appellant hawnhekk jirreferi għas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill (T-228/02, EU:T:2006:384).

20 Dawn l-effetti negattivi huma, skont l-appellant, kompletament komparabbli ma' dawk invokati fil-punti 80 sa 85 tas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (T-384/11, EU:T:2014:986).

ta' din is-sistema tikkostitwixxi forma ta' danni mhux kumpensatorji skont is-sentenza Abdulrahim<sup>21</sup>. Barra minn hekk, il-valur tas-sentenza li tikkonferma l-annullament ta' miżuri restrittivi individwali ikun ippreġudikat ferm bl-eżistenza tas-sistema ġenerali. Bank Mellat isostni wkoll li l-ebda ġurisprudenza ma tikkonferma l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-interess sabiex tiġi kkontestata l-legalità tas-sistema ġenerali jispiċċa minħabba l-eżistenza parallela ta' sistema ta' miżuri restrittivi individwali allegatament iktar severi.

## 2. Analiżi

24. Skont il-ġurisprudenza, l-interess ġuridiku jippreżumi li l-annullament tal-att ikkontestat jista' jkollu, minnu nnifsu, konsegwenzi legali u li r-rikors b'hekk jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu<sup>22</sup>. Minn dan isegwi li, sabiex ir-rikors tiegħu jkun jista' jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli, mhux biss hemm bżonn li r-rikorrent jkun f'sitwazzjoni partikolari fir-rigward tal-att li tiegħu jixtieq jikkontesta l-legalità, iżda l-annullament ta' dak l-att għandu jipproduċi wkoll effetti pożittivi fis-sitwazzjoni ġuridika tiegħu. L-interess li r-rikorrent għandu jkollu jista' jkun ikkaratterizzat f'termini ekonomiċi iżda wkoll f'termini ta' interess jew ta' protezzjoni ġuridika<sup>23</sup>. Huwa dan ir-rekwiżit jew htiegħa li jiġġustifika l-possibbiltà li tiġi adita l-qorti tal-Unjoni. Jekk ir-rikorrent ma jista' jikseb l-ebda benefiċċju mill-fatt li r-rikors tiegħu jiġi eventwalment milqugħ, il-ftuħ ta' kawża ma jistax ikun iġġustifikat.

25. L-interess ġuridiku, kundizzjoni essenzjali għal kull rikors<sup>24</sup>, għandu, fid-dawl tas-suġġett ta' dan tal-aħħar, ikun jeżisti meta jiġi ppreżentat ir-rikors għax inkella jiġi ddikjarat inammissibbli<sup>25</sup> u għandu, f'dik id-data, ikun eżistenti u attwali<sup>26</sup>. Barra minn hekk, għandu jkompli sa meta tingħata d-deċizzjoni ġudizzjarja għaliex inkella ma jkunx hemm lok li tingħata deċizzjoni, li jwassal għall-preżunzjoni li r-rikors jista', bir-riżultat tiegħu, jagħti benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu<sup>27</sup>. L-istess jgħodd fil-kuntest ta' appell<sup>28</sup>.

26. Sabiex tevalwa l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-mument tal-preżentata ta' dan l-appell, fl-ewwel lok, għandhom jiġu evalwati l-effetti reali tal-pjan ta' azzjoni fuq l-atti kontenzjużi, filwaqt li huwa mifhum li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li l-interess ġuridiku ta' rikorrent mhux neċessarjament jisparixxi minħabba l-fatt li l-att ikkontestat minnu waqaf jipproduċi effetti matul il-proċeduri<sup>29</sup>.

27. L-argumenti bejn il-partijiet iffokaw fuq il-punt dwar jekk Bank Mellat setax jinvoka b'mod utli t-tagħlim tas-sentenza Abdulrahim<sup>30</sup> sa fejn, kif enfasizza l-Kunsill, din is-sentenza ngħatat minkejja li miżuri restrittivi *individwali* kienu ġew abrogati matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-fatti li wassli għal dan l-appell huwa differenti minn dawk tal-kawża li wassalet għall-imsemmija sentenza għal żewġ raġunijiet. Qabel xejn, is-sistema kontenzjuża hija sistema ġenerali u mhux miżura

21 L-appellant hawnhekk jirreferi għall-punti 70 sa 74 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

22 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, ACEA vs Il-Kummissjoni (C-319/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:857, punt 67) u tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 54).

23 Ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Planet vs Il-Kummissjoni (C-564/13 P, EU:C:2015:124, punti 28 u 34).

24 Ara d-digriet tal-31 ta' Lulju 1989, S. vs Il-Kummissjoni (206/89 R, EU:C:1989:333, punt 8).

25 Ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Cañas vs Il-Kummissjoni (C-269/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:415, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Planet vs Il-Kummissjoni (C-564/13 P, EU:C:2015:124, punt 34).

27 Ara s-sentenza tal-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 61).

28 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni (C-19/93 P, EU:C:1995:339, punt 13), u tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard (C-174/99 P, EU:C:2000:412, punt 33); ara wkoll, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2002, Commerzbank vs Il-Kummissjoni (C-480/01 P(R), EU:C:2002:127, punt 20); id-digriet tad-19 ta' Jannar 2006, Audi vs L-UASI (C-82/04 P, mhux ippubblikat, EU:C:2006:48, punt 20); tal-5 ta' Lulju 2012, Audi u Volkswagen vs UASI (C-467/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:425, punt 11), u tal-15 ta' Novembru 2012, Neubrandenburger Wohnungsgesellschaft vs Il-Kummissjoni (C-145/12 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:724, punt 23).

29 Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 62).

30 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013 (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

ristrettiva li taffettwa b'mod individwali, minħabba l-inklużjoni tiegħu fil-listi tal-entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati, lil Bank Mellat. Imbagħad, is-sentenza Abdulrahim<sup>31</sup> spjegat il-kundizzjonijiet li fihom l-interess ġuridiku tat-rikorrent jista' jippersisti matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali minkejja l-abrogazzjoni tal-atti kkontestati minkejja li f'dan il-każ kellu jiġi deċiż l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-mument tal-preżentata tal-appell.

28. Jiena ma naħsibx li l-interess ġuridiku għandu jiġi analizzat b'mod differenti skont jekk l-att kontenzjuż jikkostitwixxi miżura restrittiva individwali jew jekk huwiex ġej minn sistema iktar ġenerali ta' miżuri restrittivi, kif inhu l-każ tas-sistema kontenzjuża. Fl-opinjoni tiegħi, hija biss rilevanti l-idea li r-rikorrent għandu jkun jista' jikseb benefiċċju mill-kawża tiegħu. Hija wkoll din l-idea ta' benefiċċju li twassalni sabiex nikkunsidra li l-eżistenza ta' interess ġuridiku fil-mument tal-preżentata tal-appell ma għandhiex neċessarjament tkun deċiża b'mod iktar rigoruż meta mqabbla ma' sitwazzjoni li fih l-imsemmi interess jisparixxi matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tikkunsidra biss l-abrogazzjoni tal-att qabel il-preżentata tal-appell sabiex tikkonstata nuqqas ta' interess ġuridiku iżda għandha tistaqsi jekk ir-rikorrent għadux jista' jikseb benefiċċju mill-azzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minkejja dak li jista' xi drabi jidher bħala tneħħija tas-suġġett tal-kawża mill-istituzzjoni awtriċi tal-att ikkontestat.

29. Wara li ġie spjegat dan, issa għandu jiġi stabbilit liema huma l-effetti tal-pjan ta' azzjoni tal-2016 fuq is-sistema kontenzjuża qabel ma jiġi vverifikat jekk Bank Mellat jistax jibqa' jippretendi li jieħu xi benefiċċju minn dan l-appell.

#### **a) Fuq l-effetti tal-pjan ta' azzjoni**

30. Is-sitwazzjoni ta' Bank Mellat fir-rigward tal-miżuri restrittivi li jaffettwawha hija s-segwenzi: il-miżuri restrittivi individwali ġew annullati b'mod definittiv meta l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ippreżentat mill-Kunsill li ta lok għas-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, *Il-Kunsill vs Bank Mellat*<sup>32</sup> u, fi kwalunkwe każ, ma baqgħux jaffettwaw iktar l-appellant mis-16 ta' Jannar 2016 minħabba l-pjan ta' azzjoni. Fir-rigward tas-sistema ġenerali li tagħha l-appellant hawn qed jikkontesta l-legalità, din ukoll ma baqgħetx tapplika għal Bank Mellat mis-16 ta' Jannar 2016. Issa, l-appell ġie introdott fit-2 ta' Awwissu 2016. Madankollu, kif iddikjarat iktar 'il fuq, ma naħsibx li din l-analiżi relatata mal-interess ġuridiku għandha tieqaf f'dak l-istadju tar-raġunament.

31. Il-pjan ta' azzjoni ppermetta ċerta flessibilità fir-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran u l-komunità internazzjonali li, fuq livell tal-Unjoni, tfissret bħala impenn "li jitneħħew is-sanzjonijiet"<sup>33</sup> u "miżuri restrittivi ekonomiċi u finanzjarji [...] kollha"<sup>34</sup> u li "għandhom itemmu l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji kollha tal-Unjoni relatati ma' kwistjonijiet nukleari"<sup>35</sup>. L-Artikolu 1(17) tad-Deċiżjoni 2015/1863 iddeċieda *s-sospensjoni* tal-miżuri li kienu elenkati fih. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 1(15) tar-Regolament 2015/1861, espliċitament wassal għat-*tħassir* tal-Artikoli 30, 30a, 30b, 31 u 33 sa 35 tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat. Fi kliem ieħor, is-sistema ġenerali li tagħha l-Bank Mellat talab l-annullament quddiem il-Qorti Ġenerali *tħassret* ukoll. Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2016/37, id-Deċiżjoni 2015/1863 u, bħala konsegwenza<sup>36</sup>, ir-Regolament 2015/1861 saru applikabbli fis-16 ta' Jannar 2016, data meta daħlu fis-seħħ is-sospensjoni u t-*tħassir* tal-miżuri kkonċernati.

31 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013 (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

32 Sentenza tat-18 ta' Frar 2016 (C-176/13 P, EU:C:2016:96). Għandu jiġi nnotat li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ngħatat wara li daħal fis-seħħ il-pjan ta' azzjoni.

33 Premessa 9 tad-Deċiżjoni 2015/1863.

34 Premessi 5 u 6 tar-Regolament 2015/1861.

35 Premessa 14 tad-Deċiżjoni 2015/1863.

36 Ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2015/1861.

32. Jekk ġie deċiż, fl-atti li jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni, li jitneħħew jew jintemmu s-sanzjonijiet jew il-miżuri ristrettivi ekonomiċi u finanzjarji, in-natura provviżorja ta' tali deċiżjoni tirriżulta b'mod ċar minn dawn l-istess atti peress li “[l]-impenn li jitneħħew il-miżuri restrittivi tal-Unjoni kollha relatati mal-qasam nukleari f'konformità mal-[il-pjan ta' azzjoni] huwa mingħajr preġudizzju [...] għall-introduzzjoni mill-ġdid tas-sanzjonijiet tal-Unjoni f'każ li l-Iran jonqos b'mod sinifikanti milli jwettaq l-impenji tiegħu taħt il-[pjan ta' azzjoni]”<sup>37</sup>.

33. Madankollu, f'tali kuntest, ma naħsibx li l-interess ġuridiku tal-appellant għandu jiġi distint minn dak ta' kwalunkwe rikorrent ieħor li jitlob l-annullament ta' att abrogat matul il-proċeduri. Il-miżuri kontenzjużi jistgħu jiġu effettivament “irriattivati” mill-Kunsill f'każ li r-relazzjonijiet mar-Repubblika Iżlamika tal-Iran imorru għall-agħar: madankollu, din ir-riattivazzjoni għandha sseħħ, fl-opinjoni tiegħi, permezz tal-adozzjoni tal-inqas ta' att ġdid li l-appellant jista' mbagħad, bħala regola, jikkontesta.

34. B'hekk, minn naħa waħda, is-sempliċi fatt li t-tneħħija tas-sistema hija provviżorja ma huwiex biżżejjed sabiex fuqu biss jiġi bbażat l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-kuntest ta' dan l-appell. Min-naħa l-oħra, il-waqfien tal-effetti legali prodotti mis-sistema mhux neċessarjament itemm l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat<sup>38</sup>.

#### **b) Fuq l-evalwazzjoni in concreto tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat**

35. Madankollu mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-persistenza tal-interess ġuridiku ta' rikorrent għandha tiġi evalwata *in concreto*, fid-dawl, b'mod partikolari tal-konsegwenzi tal-allegata illegalità u tan-natura tad-dannu allegatament subit<sup>39</sup>. Il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat diversi każijiet li fihom ir-rikorrent jista' jżomm interess sabiex jitlob l-annullament ta' att. B'hekk, l-imsemmi rikorrent jista' jżomm tali interess sabiex jerġa' jittqiegħed fis-sitwazzjoni tiegħu li kien fiha qabel, sabiex iġiegħel lill-awtur tal-att ikkontestat jagħmel, fil-futur, l-emendi xierqa u għalhekk jiġi evitat ir-riskju ta' repetizzjoni tal-illegalità li l-att ikkontestat huwa allegatament ivvizzjat bih jew inkella bħala bażi għal eventwali rikors għal danni<sup>40</sup>.

36. Issa hemm bżonn li jiġi stabbilit fil-konkret ħafna jekk Bank Mellat għadux jista', kif jallega hu, jibbaża fuq wieħed minn dawn il-benefiċċji li l-appell tiegħu jista' jagħtih.

37. L-ewwel nett, jekk l-effetti tal-pjan ta' azzjoni fuq is-sistema kontenzjuża huma simili għal dawk ta' tħassir, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem iddikjarat b'mod ċar li din ma hijiex rikonoxximent tal-illegalità tal-att inkwistjoni u tipproduċi effett *ex nunc*, filwaqt li s-sentenza ta' annullament telimina, minnha nnifisha, b'mod retroattiv l-imsemmi att mill-ordinament ġuridiku li, għalhekk, jittqies bħala li qatt ma eżista<sup>41</sup>. Hawnhekk, l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat jaffaċċja l-problema tal-assenza ta' effett tas-sistema kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni tiegħu minħabba l-fatt li l-imsemmija sistema ġiet sovrapposta fuq miżuri restrittivi individwali li kienu diġà eżistenti. Minn perspettiva kronoloġika, fil-fatt, Bank Mellat kien inkluż fil-listi tas-26 ta' Lulju 2010<sup>42</sup> u din l-inklużjoni kienet ġiet annullata effettivament fit-18 ta' Frar 2016, anki jekk hija ma kinitx għadha tipproduċi effetti mis-16 ta' Jannar 2016.

38. L-atti li Bank Mellat kien qed jikkontesta l-illegalità tagħhom fil-kuntest tas-sentenza appellata jkopru, min-naħa tagħhom, perijodu mill-2012 sas-16 ta' Jannar 2016.

37 Premessa 9 tad-Deċiżjoni 2015/1863. Ara, ukoll, il-premessa 10 tal-imsemmija deċiżjoni u l-premessi 6 u 7 tar-Regolament 2015/1861.

38 Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 65).

40 Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punti 63 sa 64).

41 Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 68).

42 Ara s-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat (C-176/13 P, EU:C:2016:96, punti 11 *et seq.*).

39. Minkejja li l-miżuri restrittivi individwali wasslu għall-iffriżar tal-fondi tal-appellant, is-sistema ġenerali tillimita biss li tirrestrinġi t-trasferimenti ta' fondi bejn il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u tal-Iran billi tissugġettahom, fil-maġġoranza kbira tagħhom, għal sistema ta' notifika jew ta' awtorizzazzjonijiet minn qabel. Issa, bħala entità milquta mill-miżuri restrittivi individwali, Bank Mellat ma setax, fi kwalunkwe każ, jallega li ma kien hemm l-ebda trasferiment imwettaq fil-kundizzjonijiet deskritti fl-atti kontenzjużi, peress li d-derogi għar-restrizzjonijiet previsti mill-miżuri individwali kienu rregolati mill-atti li jiddefinixxu jew jimplementaw l-imsemmija miżuri. Għalhekk, il-konsegwenzi negattivi kunsiderevoli li Bank Mellat sofra huma l-fatt li ġew imposti kontra tiegħu miżuri restrittivi individwali illegali, u mhux is-sistema ġenerali li, skont l-analiżi tiegħi, ma bidlitx is-sitwazzjoni ġuridika tal-appellant minħabba s-sovrappożizzjoni temporanja tagħha fuq il-miżuri ristrettivi individwali. Barra minn hekk, Bank Mellat jidher jirrikonoxxi dan peress li jikkonċedi li “ma kienx f'pożizzjoni li jipproduċi prova dwar l-effetti konkreti tal-embargo finanzjarju għaliex [...] din il-miżura ma kellhiex fil-fatt xi effett minħabba l-eżistenza tal-inklużjoni illegali”<sup>43</sup>.

40. It-tieni nett, huwa wkoll diffiċli f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari li tibbaża l-persistenza tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fuq l-eventwali riabilitazzjoni jew kumpens tad-dannu subit li jista' jikkostitwixxi r-rikonoxximent tal-illegalità tas-sistema ġenerali<sup>44</sup> għal żewġ raġunijiet essenzjali.

41. Minn naħa waħda, kuntrarjament għal dak li jsostni Bank Mellat, l-imsemmija sistema ma kkundannatx lill-banek sa fejn is-sottomissjoni għall-imsemmija sistema ma hijiex sanzjoni għal aġir personali speċifikament identifikat ta' Bank Mellat jew ta' suspett ta' parteċipazzjoni fil-proliferazzjoni nukleari. Jien iktar nikkunsidra, bi qbil mal-Kunsill u b'konformità ma' dak deċiż mill-Qorti Ġenerali<sup>45</sup>, li s-sistema kontenzjuża hija implimentata sabiex ma jitħalliex l-użu ta' fondi, ittrasferiti permezz ta' banek bħall-appellant, li jistgħu jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari, inkluż mingħajr ma jkun jafu l-istess banek. Għalhekk ma naħsibx li s-sistema kontenzjuża setgħet tikkawża, *per se*, xi preġudizzju għar-reputazzjoni ta' Bank Mellat komparabbli ma' dik li kienet il-kwistjoni fil-kawża Abdulrahim<sup>46</sup> u li kien imperattiv li jkun jista', jekk ikun il-każ, jagħti lok għad-danni.

42. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, il-konstatazzjoni li saret iktar 'il fuq dwar l-assenza ta' ta' effett tas-sistema ġenerali fuq l-appellant tipprekludi li jiġi identifikat tali dannu li seta' ppreġudika r-reputazzjoni tal-banek.

43. It-tielet nett, huwa wkoll minħabba l-kunsiderazzjonijiet preċedenti li ma naħsibx li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat jeżisti minħabba l-fatt li l-konstatazzjoni tal-illegalità tas-sistema ġenerali tista' tkun il-bażi ta' eventwali rikors għad-danni. Jekk ma nistax naqbel mal-argument tal-Kunsill li s-sempliċi eżistenza tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-appellant kontra l-atti kontenzjużi hija biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-kundizzjoni, neċessarja sabiex ikun hemm responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, dwar l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement ikkaratterizzat tad-dritt tal-Unjoni, fi kwalunkwe każ, hawnhekk tkun nieqsa, għandu madankollu jiġi kkonstatat li, fl-assenza ta' effett ġuridiku prodott bl-atti kontenzjużi fuq l-appellant, il-possibbiltajiet li jkun hemm eventwali rikors għad-danni jirnexxi ma għandux jikkostitwixxi “benefiċċju” li jista' jinkiseb mill-banek fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-interess ġuridiku.

43 Ara nota ta' qiegħ il-paġna 12 tal-appell.

44 Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara punti 127, 161 u 173 tas-sentenza appellata.

46 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013 (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

44. Ir-raba' nett, jibqa' l-aħħar każ, jiġifieri dak li fih il-persistenza tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat għandu jiġi kkonstatat sabiex iwassal lill-Kunsill jagħmel il-bidliet xierqa u b'hekk jevita r-riskju ta' repetizzjoni tal-illegalità li bihom l-atti kontenzjużi huma allegatament invizzjati<sup>47</sup>. Din l-ipoteżi stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-opinjoni tiegħi, hija fformulata b'mod wiesa' wisq. Fil-fatt, kull parti għandha interess, oġġettivament, sabiex illegalità ma tirrepetix ruħha u dan in-nuqqas ta' repetizzjoni jikkostitwixxi benefiċċju li jista' jinkiseb li jista' jkun preżenti fi kwalunkwe konfigurazzjoni. Issa, b'interpretazzjoni daqstant wiesa', din l-ipoteżi twassal sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-aħħar, ma tibqax tagħti xi effett fuq il-proċedura wara t-tneħħija tas-suġġett tat-tilwima. Din hija r-raġuni li minħabba fiha r-rikorrent għandu jiġi rikjest li juri b'mod preċiż ir-riskju ta' repetizzjoni tal-illegalità invokata. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li d-drittijiet ta' Bank Mellat ma ġewx affettwati bl-implimentazzjoni tas-sistema kontenzjuża jwassal sabiex tisparixxi l-kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' riskju ta' *repetizzjoni*. Huwa veru li, fid-dawl tan-natura provviżorja tat-tneħħija tal-miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, ir-riskju li dawn il-miżuri jiġu adottati mill-ġdid jeżisti, kif jallega l-appellant. Madankollu, fl-ipoteżi ta' riattivazzjoni ta' dawn il-miżuri, Bank Mellat isofri għalhekk għall-ewwel darba l-konsegwenzi konkreti.

45. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nikkonkludi li, b'mod prinċipali, l-assenza ta' interess tal-appellant li jippreżenta l-appell għandu jiġi kkonstatat u dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti li ġejjin ser isiru biss b'mod sussidjarju u għalhekk ser ikunu neċessarjament iktar fil-qosor.

## **B. B'mod sussidjarju, dwar il-persistenza tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali**

46. La għadni kemm ikkonstatajt l-assenza ta' interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-kuntest ta' dan l-appell, il-kwistjoni tal-persistenza tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-kuntest tar-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali tista' tqum b'mod preliminari fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-pożizzjoni tiegħi.

47. F'dan ir-rigward, infakkar li huwa sorprendenti li, filwaqt li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2016, li ssemmi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fit-18 ta' Frar 2016 li tikkonferma l-annullament tal-miżuri restrittivi individwali li jirrigwardaw lill-appellant<sup>48</sup> u li fiha argumenti speċifiċi dwar l-eżistenza ta' interess ġuridiku fi ħdan l-appellant fil-mument tal-preżentata tar-rikors<sup>49</sup>, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma semmiet il-pjan ta' azzjoni li l-effetti sħaħ tiegħu daħlu fis-seħħ mis-16 ta' Jannar 2016.

48. L-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti ta' dan il-pjan flimkien mad-dikjarazzjoni li l-appellant kien ġie effettivament suġġett għas-sistema kontenzjuża awtomatikament mit-18 ta' Frar 2016<sup>50</sup> jivvizzjaw ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-interess ġuridiku tal-appellant li tiegħu l-Qorti Ġenerali kellha tivverifika, jekk ikun il-każ *ex officio*, mhux biss l-eżistenza fil-mument tal-preżentata tar-rikors iżda wkoll il-persistenza matul il-proċeduri.

49. F'dan ir-rigward, kien biss bħala risposta għal domanda sabiex titwieġeb b'mod orali magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-partijiet finalment ħadu pożizzjoni dwar l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-effetti tal-pjan ta' azzjoni fuq l-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali. Essenzjalment, għalkemm huma kollha jikkunsidraw b'mod unanimu li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx, speċifikament, inkunsiderazzjoni

<sup>47</sup> Ara s-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

<sup>48</sup> Sentenza Il-Kunsill vs Bank Mellat (C-176/13 P, EU:C:2016:96).

<sup>49</sup> Ara l-punti 68 *et seq* tas-sentenza appellata.

<sup>50</sup> Ara l-punt 76 tas-sentenza appellata.

l-imsemmija effetti jew jekk jiddubitaw minn tali teħid inkunsiderazzjoni, Bank Mellat huwa l-uniku li jsostni, skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Abdulrahim<sup>51</sup>, li l-Qorti Ġenerali kellha, fi kwalunkwe każ, tikkonstata l-persistenza tal-interess ġuridiku tiegħu quddiemha minħabba benefiċċji li huwa seta' jibqa' jakkwista mill-kawża tiegħu. Skont Bank Mellat, l-annullament *ex tunc* tal-miżuri restrittivi individwali kellu bħala konsegwenza li huwa jiġi suġġett għas-sistema ġenerali mid-dħul fis-seħħ tagħha.

50. Issa, l-istess raġunament bħal dak użat fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat fil-mument tal-preżentata tal-appell iwassalni sabiex nikkonstata li dan l-interess quddiem il-Qorti Ġenerali sparixxa matul il-proċeduri peress li, permezz tal-effett konġunt tal-pjan ta' azzjoni u tas-superimpożizzjoni temporanja tas-sistema individwali fuq is-sistema ġenerali, l-assenza ta' effett reali tas-sistema kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-appellant jipprekludi li jiġi kkonstatat xi benefiċċju li Bank Mellat seta' jikseb mill-kawża tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali.

51. B'hekk, is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi ġdid li jinsab fil-punt 77 peress li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li "il-fatt li tiġi kkonstata f'din il-kawża, l-assenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrent kontra l-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat għandu bħala konsegwenza ksur tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li, wara t-tmiem definittiv tal-miżuri restrittivi individwali li jikkonċernawh, huwa jkun suġġett għall-effetti tas-sistema kkontestata [kontenzjuża], iżda ma jkunx ammissibbli li jintalab l-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, minħabba l-iskadenza tat-terminu tar-rikors [għall-preżentata ta' rikors]." Kuntrarjament għal dak li ddikjarat il-Qorti Ġenerali, l-annullament ta' dan l-artikolu ma setax ikollu konsegwenzi legali għal Bank Mellat<sup>52</sup>.

52. Għalhekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-appell huma ammissibbli, hija għandha tikkritika lis-sentenza appellata minħabba żball ta' liġi fundamentali li fiha fir-rigward tal-interess ġuridiku ta' Bank Mellat wara d-dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni u topponi hija stess li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rikors għal annullament tal-appellant, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

### C. B'mod iktar sussidjarju

**1. Fuq ir-raba' u l-ħames aggravju, ibbażati fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali**

**a) Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE**

#### 1) Is-sentenza appellata

53. Fil-punti 44 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali vverifikat li Bank Mellat issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sabiex ir-rikors tiegħu jiġi ddikjarat ammissibbli. Wara li kklassifikat l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 bħala att regolatorju<sup>53</sup>, il-Qorti Ġenerali fakkret fir-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kif spjegati fil-ġurisprudenza. F'dan ir-rigward, hija fakkret li rikors kontra tali att kien ammissibbli sakemm jiġi stabbilit li jaffettwa direttament lil Bank Mellat mingħajr ma titħalla ebda setgħa

51 Sentenza tat-28 ta' Mejju 2013 (C-239/12 P, EU:C:2013:331).

52 Ara l-punt 78 tas-sentenza appellata.

53 Ara l-punti 44 sa 55 tas-sentenza appellata.

diskrezzjonali għad-destinatarji tal-att li għandhom ir-responsabbiltà tal-implimentazzjoni tiegħu<sup>54</sup>. Barra minn hekk, l-att regolatorju li jipproduċi effetti direttament fuq is-sitwazzjoni legali ta' persuna fiżika jew ġuridika ma għandux jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni sabiex jiġi kkontestat quddiem il-qrati tal-Unjoni<sup>55</sup>.

54. Wara li fakkret it-termini tal-analiżi li hija kienet ser tagħmel, il-Qorti Ġenerali bdiet eżami separat tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012. Hija ddeċidiet qabel kollox li, bħala stabbiliment finanzjarju stabbilit fl-Iran, Bank Mellat ma kienx affettwat b'mod dirett bl-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat u li r-rikors tiegħu, sa fejn jikkonċerna din id-dispożizzjoni, kien inammissibbli<sup>56</sup>. Sussegwentement ikkunsidrat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jagħti lill-awtoritajiet nazzjonali aditi minn talba ta' trasferiment setgħa diskrezzjonali sabiex jistabbilixxu jekk it-trasferiment maħsub huwiex ta' riskju ta' ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tar-regolament ikkonċernat, b'tali mod li Bank Mellat ma setax jallega li huwa direttament ikkonċernat minn dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3), li kien jinkludi, barra minn hekk, miżuri ta' implimentazzjoni. Ir-rikors ta' Bank Mellat għalhekk ġie ddikjarat bħala inammissibbli fir-rigward tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat<sup>57</sup>.

55. Il-Qorti Ġenerali mbaġħad iddeċidiet li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 kien jikkonċerna direttament lil Bank Mellat u mingħajr ma jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni fi tliet aspetti oħra: l-Artikolu 30(1) (li jipprevedi projbizzjoni ta' trasferimenti mingħajr possibbiltà ta' awtorizzazzjoni), l-Artikolu 30(3)(a) flimkien mal-Artikolu 30(5) (li jipprevedu, għal ċerti trasferimenti, obbligu ta' notifika minn qabel li ma hijiex suġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali) u l-Artikolu 30(3)(b) u (c) flimkien mal-Artikolu 30(5) (li jipprevedu l-obbligu, mhux suġġett għall-evalwazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni, li tinbeda proċedura ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti li jaqbz u ċertu livell), tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat<sup>58</sup>.

56. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li r-rikors ta' Bank Mellat kien ammissibbli sa fejn kien indirizzat kontra t-tliet dispożizzjonijiet msemmija fil-punt preċedenti<sup>59</sup>.

## 2) Sommarju tal-argumenti tal-partijiet

57. Essenzjalment, Bank Mellat jikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma evalwatx b'mod korrett ir-rekwiżit tal-effett dirett, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, fir-rigward tal-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat. Huwa jsostni li ma kienx possibbli li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra b'mod iżolat din id-dispożizzjoni fir-rigward tal-imsemmi rekwiżit sa fejn kienet is-sistema kontenzjuża kollha kemm hi li kienet affettwatu b'mod dirett. Eżami tal-Artikolu 30a, flimkien mal-Artikolu 30 tal-imsemmi regolament, kellu jwassal lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Artikolu 30a kien jikkompleta l-Artikolu 30 u li dawn kienu dispożizzjonijiet kumplementari. Fi kwalunkwe każ, anki jekk ikkunsidrata b'mod iżolat, l-analiżi relatata mal-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012 kellha twassal għal konstatazzjoni li Bank Mellat kien affettwat b'mod dirett minn din id-dispożizzjoni.

54 Ara l-punt 56 tas-sentenza appellata.

55 Ara l-punti 57 u 58 tas-sentenza appellata.

56 Ara l-punt 59 tas-sentenza appellata.

57 Ara l-punti 60 u 61 tas-sentenza appellata.

58 Ara l-punti 62 sa 65 tas-sentenza appellata.

59 Ara l-punti 66 u 67 tas-sentenza appellata.

58. Bank Mellat jikkontesta wkoll l-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli sa fejn kien indirizzat kontra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat. Dan l-artikolu kien jaffettwa b'mod dirett lil Bank Mellat sa fejn kien jikkostitwixxi dispożizzjoni essenzjali għas-sistema ġenerali implimentata bl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 li fil-kuntest tiegħu għandu jiġi ssostitwit u sa fejn kien jagħti lill-awtoritajiet nazzjonali s-setgħa li jipprojbixxu tranżazzjonijiet li jdgħajfu b'hekk il-pożizzjoni kummerċjali tal-bank. Dawn l-awtoritajiet ma għandhomx setgħa diskrezzjonali skont din id-dispożizzjoni, li għandha tiġi implimentata b'mod awtomatiku, peress li s-setgħa diskrezzjonali eventwalment irrikonoxxuta tiġi eżerċitata f'fażi ulterjuri. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, ma kienx fih miżuri ta' implimentazzjoni peress li kien jagħti setgħa diskrezzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali b'mod immedjat u awtomatiku, u b'hekk kien jagħti lok għall-effetti ġuridiċi tiegħu mingħajr ma jkun neċessarju att intermedjarju ta' dawn tal-aħħar. Bank Mellat ifakkar li huwa ma kellux ikun f'sitwazzjoni fejn, sabiex jikkontesta dispożizzjoni u jkollu aċċess għal qorti, huwa jkun obligat jikser il-liġi.

59. B'mod sussidjarju, Bank Mellat jenfasizza li quddiem il-Qorti Ġenerali huwa sostna l-fatt li kien affettwat b'mod individwali mis-sistema ġenerali bħala membru ta' kategorija koperta bl-imsemmija sistema, kunsiderazzjoni li ma ġietx eżaminata mill-Qorti Ġenerali jew li, tal-lanqas, ġiet miċħuda impliċitament.

60. Finalment, Bank Mellat isostni li l-eżami separat tad-dispożizzjonijiet li bih ipproċediet il-Qorti Ġenerali vvizzja l-analiżi tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u llimita l-eżami ġudizzjarju għal ċerti dispożizzjonijiet biss. Anki jekk il-Qorti Ġenerali setgħet tikkunsidra b'mod separat il-komponenti differenti tas-sistema ġenerali, hija kellha tikkonkludi li kienu marbuta flimkien u li kien impossibbli li jiġu sseparati minn xulxin f'każ ta' annullament.

61. Il-Kunsill, il-Kummissjoni kif ukoll ir-Renju Unit jikkunsidraw li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-osservanza tar-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma fihix żball ta' liġi fir-rigward tal-Artikoli 30a u 30 b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat. Minn naħa tiegħu, u bħala risposta għad-domanda magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Renju Unit madankollu jqis li l-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi, minn naħa waħda, li r-rikors ta' Bank Mellat kien indirizzat kontra att leġislattiv u mhux regolatorju u, min-naħa l-oħra, li dan ir-rikors kien inammissibbli fl-intier tiegħu sa fejn kien indirizzat kontra l-komponenti l-oħra tas-sistema ġenerali li jinsabu fl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 u fin-nuqqas ta' interess dirett u individwali ta' Bank Mellat.

### 3) Analiżi

62. B'mod preliminari, ninnota li l-klassifikazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tar-Regolament Nru 1263/2012 bħala "att regolatorju" fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma ġietx ikkontestata mill-appellant<sup>60</sup>. Għalhekk ma hemmx lok li dan il-punt jerġa' jiġi diskuss u l-analiżi segwenti titlaq mill-premessa li dan kien verament att regolatorju.

63. Fil-preżenza ta' tali att, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirrikjedi żewġ rekwiżiti sabiex ir-rikors għal annullament ikun ammissibbli: ir-rikorrent ikun ikkonċernat direttament bl-att ikkontestat u dan ma għandux ikun fih miżuri ta' implimentazzjoni.

<sup>60</sup> Huwa biss ir-Renju Unit li jidher finalment jikkontesta din il-klassifikazzjoni fil-kuntest tar-risposta bil-miktub tiegħu għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

64. Il-partijiet iddiskutew l-opportunità li janalizzaw l-osservanza ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet billi sseparaw il-komponenti differenti tas-sistema kontenzjuża minflok ma kkunsidrawhom flimkien, kif ippropona Bank Mellat. Infakkar li l-ispeċifità tar-rikors ta' Bank Mellat ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali kienet tinsab fil-fatt li huwa kien qed jikkontesta formalment dispożizzjoni waħda – l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 – li, fiha nnifisha, kien fiha tliet artikoli, magħmula rispettivament minn sitta, tlieta u ħames paragrafi u numru ta' sudiviżjonijiet. Il-metodu ta' analiżi użat mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-opinjoni tiegħi, huwa kompletament iġġustifikat f'dawn iċ-ċirkustanzi, kif ser nuri fi tmiem l-analiżi tiegħi.

65. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, kien jidher li ma fihx żball ta' liġi. Dan l-artikolu jipprevedi espliċitament li jirregola sitwazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari *ratione personae*, tal-Artikolu 30 ta' dan ir-regolament<sup>61</sup>. Issa, huwa ċar li, bħala bank stabbilit fl-Iran, Bank Mellat kien kopert bil-projbizzjoni ġenerali ta' trasferiment ta' fondi bis-saħħa tal-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, u għalhekk ma kienx kopert bil-miżuri stabbiliti bl-Artikolu 30a tal-imsemmi regolament. Parti li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni diffiċli tista' tistabbilixxi li hija direttament ikkonċernata b'din tal-aħħar fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. L-argument ta' Bank Mellat li l-Qorti Ġenerali kellha tikkunsidra dan ir-rekwiżit billi tikkunsidra d-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 huwa, fi kwalunkwe każ, ineffettiv minħabba l-assenza ta' effett tal-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu.

66. Dwar l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30 b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, dan huwa intiż sabiex jispjega l-kundizzjonijiet li fihom ir-regola ġenerali ddefinita bl-Artikolu 30 ta' dan l-istess regolament<sup>62</sup> – jiġifieri, projbizzjoni tal-prinċipju ta' trasferimenti flimkien ma' sistema ta' eċċezzjonijiet suġġetta għal notifika jew awtorizzazzjoni minn qabel – għandha tiġi implimentata b'mod konkret. Huwa b'hekk jipprevedi li "l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni, skont tali termini u kundizzjonijiet li huma jqisu adatti, sakemm ma jkollhomx raġunijiet validi li jiddeterminaw li t-trasferiment ta' fondi li għalih intalbet l-awtorizzazzjoni jista' jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet jew obbligi f[ir-Regolament Nru 267/2012, kif emendat]". Għalhekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jissuġġetta t-trasferimenti maħsuba, fil-każijiet kollha, għal awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod awtomatiku fl-assenza ta' suspett ta' evażjoni tar-regoli stabbiliti mis-sistema kontenzjuża jew ta' rifjut ta' dawn l-istess awtoritajiet wara l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom fil-każ kuntrarju.

67. F'dak li jirrigwarda r-rekwiżit mitlub mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE li r-rikorrent għandu jkun direttament ikkonċernat bl-att li huwa jippretendi li jikkontesta, jidhirli li huwa diffiċli, minħabba l-uniċità tagħhom, li jiġi deċiż, minn naħa waħda, li huwa ssodisfat fir-rigward tad-dispożizzjoni ġenerali – jiġifieri l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat – u mhux fir-rigward tad-dispożizzjoni li tiddefinixxi l-modalitajiet konkreti tiegħu – jiġifieri l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tal-imsemmi regolament. Għalhekk nistqarr li għandi xi riżervi fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fuq dan il-punt li jidhirli li għaqqad żewġ rekwiżiti li huma madankollu distinti billi kkunsidra li, peress li deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kienu neċessarji skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, l-appellant ma setax ikun direttament ikkonċernat fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

61 L-Artikolu 30a(1) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jipprevedi dan li ġej: "It-trasferimenti ta' fondi lil u minn persuna, entità jew korp Iranjani li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 30(1) għandhom jiġu pproċessati kif ġej:[...]" (korsiv miżjud minni).

62 B'mod partikolari, l-Artikolu 30(3)(b) u (c) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat. Għandu jiġi rilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tal-imsemmi regolament jirrigwarda ukoll il-każijiet koperti bl-Artikolu 30a ta' dan l-istess regolament, iżda jien diġà spjegajt, f'dan ir-rigward, li ma kienx jirrigwarda lill-appellant.

68. Minkejja dan, dan l-iżball ta' liġi ġdid jista' ma jkollux konsegwenzi jekk, fi kwalunkwe każ, kellu jiġi kkonfermat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012 kif emendat huwa dispożizzjoni li fiha miżuri ta' implimentazzjoni. Għalhekk issa ser ngħaddi għall-analiżi tat-tieni rekwiżit msemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 *in fine*, TFUE.

69. Il-ġurisprudenza llum stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fl-aħħar lok fis-sentenzi *Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni*<sup>63</sup> u *European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni*<sup>64</sup>, tirrikjedi, essenzjalment, li l-espressjoni “li ma jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni” tiġi interpretata fid-dawl tal-għan tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE li huwa li jiġi evitat li individwu jkun kostrett jikser il-liġi sabiex ikollu aċċess għall-qorti. Meta att regolatorju jinkludi miżuri ta' implimentazzjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni hija żgurata b'mod indipendenti mill-fatt jekk l-imsemmija miżuri joħorġux mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u l-partijiet fil-kawża huma għalhekk protetti kontra l-applikazzjoni tal-att ikkonċernat bil-possibbiltà li jikkontestaw il-miżuri ta' implimentazzjoni li dan l-att jinkludi. Meta din l-implimentazzjoni tal-imsemmi att taqa' fuq l-Istati Membri, il-partijiet fil-kawża jistgħu jsostnu l-invalidità tal-att bażiku inkwistjoni quddiem il-qorti nazzjonali u jwasslu lil dawn jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domandi preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE. Għalhekk, sabiex jiġi evalwat il-punt dwar jekk att regolatorju fihx miżuri ta' implimentazzjoni, għandu jsir riferiment għall-pożizzjoni tal-persuna li tinwoka d-dritt għal azzjoni legali skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk, għandu jsir riferiment esklużivament għas-suġġett tal-kawża u huwa irrilevanti jekk l-imsemmija miżuri għandhomx jew le natura awtomatika.

70. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, ikolli tendenza li nikkunsidra li, jekk huwa l-ħsieb li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva għal Bank Mellat li għandu jiggwida l-interpretazzjoni tiegħi ta' dan l-aħħar rekwiżit li għandu jiġi ssodisfatt skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti Ġenerali billi enfasizzat il-ħtieġa ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex tawtorizza, jew jekk ikun il-każ tirrifjuta, it-trasferiment ikkunsidrat kienet tidher raġonevoli peress li, ftali każ, l-appellant kellu kull opportunità jikkontesta, quddiem il-qorti nazzjonali, deċiżjoni nazzjonali ta' rifjut tat-trasferiment ipjanat, mingħajr ma jkun, minħabba f'hekk, obbligat, li jpoġġi lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni.

71. Il-konferma tal-konklużjoni li r-rikors għandu jiġi ddikjarat bħala inammissibbli sa fejn huwa indirizzat kontra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012 issaħħaħ l-idea li l-Qorti Ġenerali aġixxiet b'mod sodisfaċenti meta kkunsidrat kull dispożizzjoni, fir-rigward tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, b'mod separat. Fil-fatt, li kieku kellha tiddeċiedi dwar jekk ir-rekwiżiti previsti minn dan l-artikolu kinux issodisfatti f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 kollu kemm hu, lil x'hiex kellha tagħti preferenza: il-fatt li r-rikors ta' Bank Mellat kien jissodisfa b'mod ċar l-imsemmija rekwiżiti fid-dawl tal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jew, għall-kuntrarju, kellha tikkonkludi li r-rikors kien kollu inammissibbli minħabba l-preżenza ta' żewġ dispożizzjonijiet problematiċi f'dan ir-rigward, waħda li ma taffetwax direttament lill-appellant (l-Artikolu 30a tal-imsemmi regolament), u l-oħra dwar miżuri ta' implimentazzjoni (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) ta' dan l-istess regolament)? It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija skomda ħafna, u l-approċċ finalment użat mill-Qorti Ġenerali jidher meqjus peress li hija, kull darba, irrispettat id-dritt għal azzjoni legali ta' Bank Mellat filwaqt li żgurati applikazzjoni koerenti<sup>65</sup> tar-rekwiżiti msemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

72. Konsegwentement, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

63 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2018 (C-244/16 P, EU:C:2018:177, punti 42 *et seq* u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2018 (C-384/16 P, EU:C:2018:176, punti 32 *et seq* u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Bl-eċċezzjoni tal-iżball ta' liġi identifikat fil-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

***b) Fuq il-ħames aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali***

*1) Is-sentenza appellata*

73. Fil-punti 25 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali straħet fuq il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi dwar it-tielet kap tat-talbiet ta' Bank Mellat intiż sabiex jiġi ddikjarat inapplicabbli fil-konfront tiegħu l-l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635<sup>66</sup>. Wara li fakkret il-formulazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263, u tal-Artikoli 275 u 277 TFUE, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 kienet dispożizzjoni dwar il-PESK fis-sens tal-Artikolu 275 TFUE<sup>67</sup>. Hija fakkret li deroga għar-regola tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinsab fl-Artikolu 275 TFUE kellha, bħala tali, tiġi interpretata b'mod ristrett. Imbagħad, hija ddeċidiet li l-miżuri previsti fl-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 kienu miżuri ġenerali, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa stabbilit b'riferiment għal kriterji oġġettivi u mhux b'riferiment għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u li ma għalhekk ma kinitx deċiżjoni li tipprevedi miżuri ristrettivi li jkopru tali persuni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE<sup>68</sup>. Imbagħad hija fakkret li l-eċċezzjoni ta' illegalità tqajmet mill-appellant fil-kuntest ta' rikors għal annullament magħmul kontra l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012, li huwa intiż sabiex jimplimenta fil-qasam tat-Trattat FUE l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635<sup>69</sup>. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, l-imsemmi l-Artikolu 1(15) ma jikkostitwixxi deċiżjoni li tipprevedi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE għaliex japplika għal sitwazzjonijiet li huma ddeterminati oġġettivament u jipproduċi effetti legali fil-konfront ta' kategoriji ta' persuni ddefiniti b'mod ġenerali u astratt, u l-implimentazzjoni tiegħu ma tirriżultax minn evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull stabbiliment ikkonċernat<sup>70</sup>. Barra minn hekk, l-eċċezzjoni ta' illegalità msemmija fl-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 ma titqajjimx insostenn ta' rikors għal annullament ta' deċiżjoni li tipprevedi miżuri ristrettivi fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE<sup>71</sup>. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635<sup>72</sup>. Madankollu hija kompliet billi ddeċidiet li d-deroga għall-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 275 TFUE ma teskludix l-istħarriġ ta' legalità tal-att adottat skont l-Artikolu 215 TFUE li ma jaqax taħt il-PESK iżda li jista' jiġi adottat biss jekk ikun hemm deċiżjoni tal-PESK minn qabel, kif inhu l-każ tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkonstatat li għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar l-ewwel u t-tieni kap tat-talbiet ta' Bank Mellat fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni<sup>73</sup>.

*2) Argomenti tal-partijiet u analiżi*

74. Essenzjalment, Bank Mellat jikkritika lill-Qorti Ġenerali b'idea formalistika u ristretta wisq tal-ġurisdizzjoni tagħha li ma hijiex kompatibbli mal-għan tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Sa fejn Bank Mellat jallega li huwa direttament ikkonċernat mis-sistema kontenzjuża mingħajr ma għandu bżonn, sabiex jagħmel dan, miżuri ta' implimentazzjoni, in-natura individwali tal-miżuri fis-sens tal-Artikolu 275 TFUE għandha tkun ivverifikata, iktar u iktar jekk huma adottati kontra persuni ġuridiċi, li fosthom hemm l-appellant. Bank Mellat isostni wkoll li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 jipprevedi hu stess tali miżuri, li huwa suffiċjenti sabiex fuq hekk tiġi bbażata

<sup>66</sup> Il-Qorti Ġenerali tindika, fil-punt 31 tas-sentenza appellata, li l-appellant spjega li din it-talba għandha tiġi interpretata bħala eċċezzjoni ta' illegalità fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE.

<sup>67</sup> Ara l-punti 28 sa 31 tas-sentenza appellata.

<sup>68</sup> Ara l-punt 33 tas-sentenza appellata.

<sup>69</sup> Ara l-punti 34 u 35 tas-sentenza appellata.

<sup>70</sup> Ara l-punt 36 tas-sentenza appellata.

<sup>71</sup> Ara l-punt 37 tas-sentenza appellata.

<sup>72</sup> Ara l-punt 38 tas-sentenza appellata.

<sup>73</sup> Ara l-punti 39 u 40 tas-sentenza appellata.

l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mill-appellant. B'mod sussidjarju, Bank Mellat isostni li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 jikkostitwixxi b'mod ċar miżura restrittiva, li l-legalità ta' dan l-artikolu tista' tiġi kkontestata u li dritt li jiġi ppreżentat rikors incidentalni kontra l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 għandu jiġi rrikonoxxut abbażi tal-Artikolu 277 TFUE minħabba r-relazzjoni ġuridika diretta bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet kontenżjużi.

75. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Renju Unit jikkunsidraw li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

76. Id-Deċiżjoni 2012/635 għandha bħala bażi ġuridika l-Artikolu 29 TUE li huwa wieħed mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TUE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija deċiżjoni tkun tidher li taqa' fil-kamp tal-esklużjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE b'tali mod li, *a priori*, il-Qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni tal-legalità jew tal-validità ta' tali deċiżjoni. Madankollu, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE jipprevedi li l-qorti tal-Unjoni xorta għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità "ta' deċiżjonijiet li jipprovdu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill abbażi tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V" TUE. Bank Mellat isostni li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 jipprevedi preċiżament tali miżuri u li l-Qorti Ġenerali kellha għalhekk tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità li huwa kien qajjem quddiemha.

77. L-interpretazzjoni li Bank Mellat jissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti lil dan it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE fl-opinjoni tiegħi tiflew is-sens ta' din id-dispożizzjoni. Huwa evidenti li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, bħala dispożizzjoni derogatorja għall-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni, għandha tingħata interpretazzjoni ristretta – kif fuq kollox fakkret il-Qorti Ġenerali. Madankollu, billi jissuġġerixxi li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 jikkostitwixxi deċiżjoni li tipprovdi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, Bank Mellat kellu l-ħsieb li jnaqqas b'mod kunsiderevoli l-portata tal-esklużjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu. In-natura differenti bejn il-miżuri li laqtu lil Bank Mellat b'mod individwali, li wasslu għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Frar 2016<sup>74</sup>, u dawk li huma s-suġġett f'dan l-appell turi perfettament id-distinzjoni li għandha ssir fil-mument li jiġi applikat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE. Fi kliem ieħor, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni meta jkun hemm miżuri restrittivi, fis-sens ġeneriku tat-terminu. Barra minn hekk jeħtieġ ukoll li dawn il-miżuri jkunu ta' natura individwali.

78. Tali approċċ ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba fis-sentenza tagħha *Gbagbo et vs Il-Kunsill*<sup>75</sup> li fil-kuntest tagħha hija ddeċidiet li, "fir-rigward tal-atti adottati fuq il-baży ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-[PESK] politika barranija u ta' sigurtà komuni, bħalma huma l-atti kontenżjużi, hija n-natura individwali ta' dawn l-atti li tagħti, skont it-termini tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE u tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, aċċess għall-qorti tal-Unjoni".

79. Din id-differenza tista' tintwera billi jiġu kkomparati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2012/635. Minn naħa tiegħu, l-Artikolu 1(6) tal-imsemmija deċiżjoni huwa intiż sabiex jimplementa sistema ġenerali ta' miżuri ristrettivi li jolqtu mingħajr distinzjoni, fiċ-ċirkustanzi li huwa jiddeskrivi, il-banek iddomiċiljati fil-Iran abbażi ta' kriterju ġenerali u mingħajr ma jkun hemm l-ebda allegazzjoni ta' parteċipazzjoni fil-proliferazzjoni nukleari fil-konfront ta' dawn il-banek. Dan l-artikolu jaqa' taħt l-esklużjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 2

74 Sentenza *Il-Kunsill vs Bank Mellat* (C-176/13 P, EU:C:2016:96).

75 Sentenza tat-23 ta' April 2013 (C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-pożizzjoni tagħha fis-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, *Rosneft* (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 103).

tad-Deċiżjoni 2012/635, li jagħti l-lista ta' persuni u ta' entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi, u ta' persuni u ta' entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran, jaqa', skont l-analiżi tiegħi, taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE minħabba n-natura individwali ta' dawn il-miżuri.

80. Il-punt 33 tas-sentenza appellata, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali semmiet sabiex turi li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 kien intenzjonat sabiex jimplementa miżuri restrittivi ta' natura ġenerali<sup>76</sup> qabel ma kkonkludiet dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha, kien jidher għalhekk la ma fihx żball ta' liġi.

81. Iktar sorprendenti hija l-fażi suċċessiva tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali żviluppata fil-punti 35 u 36 li fil-kuntest tagħha l-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 “ma jikkostitwixxi deċiżjoni li tipprovdi għal miżuri restrittivi [...] fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 tat-TFUE”. Tali dikjarazzjoni ma hijiex rilevanti minkejja li l-Qorti Ġenerali kienet obligata tivverifika s-sitwazzjoni tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 fir-rigward tal-Artikolu 275 TFUE. Madankollu, dan l-iżball ta' liġi ma jivvizzjax il-konklużjoni korretta li għaliha wasal il-punt 38 tas-sentenza tagħha.

82. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

## ***2. Fuq l-aggravji dwar il-mertu tal-appell***

### ***a) Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq żball fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' neċessità fis-sens tal-Artikolu 215(1) TFUE***

83. L-appellant hawnhekk jilmenta li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 215(1) TFUE u li vvizzjat is-sentenza tagħha bi “żball materjali awtonomu”. Kien żbaljat li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rekwiżit ta' neċessità msemmi f'dan l-artikolu ma kienx jirrigwarda r-relazzjoni bejn l-att adottat fuq din il-bażi u l-għan tal-PESK li għandu jiġi segwit.

84. L-Artikolu 215(1) TFUE jipprevedi li “[m]eta deċiżjoni, li tiġi adottata skond il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tipprevdi l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta konġunta tar-rappreżentant għoli ta' l-Unjoni għall-affarijiet barranin u l-politika ta' sigurtà u tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa. [...]”.

85. Minbarra li l-klassifikazzjoni mill-appellant tal-iżball li dwaru hija kkritikata l-Qorti Ġenerali ma jidhirli li hija korretta<sup>77</sup>, jidhirli li huwa evidenti, mis-sempliċi qari tat-test tal-Artikolu 215(1) TFUE li r-rabta ta' neċessità li jstabbilixxi tinsab bejn d-deċiżjoni tal-PESK u l-att sussegwentement adottat. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kienet, jekk ikun il-każ, mistiedna tivverifika li l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 kien jikkostitwixxi miżura neċessarja għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2012/635, u b'mod partikolari tal-Artikolu 1(6) tiegħu. Għalhekk huwa ġustament li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, li “ir-riferiment għal ‘miżuri meħtieġa’ intiżi li jiggarrantixxu li l-Kunsill ma jadottax, skont l-Artikolu 215 TFUE, miżuri restrittivi li jmorru lil hinn minn dawk adottati fid-deċiżjoni PESK korrispondenti”. L-attribuzzjoni tal-kompetenza ta'

<sup>76</sup> Jew “miżuri ta' portata ġenerali” fis-sens tal-punt 98 tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236).

<sup>77</sup> Fil-fatt jidhirli li huwa iktar żball ta' liġi milli żball materjali.

implimentazzjoni tal-Kunsill hija suġġetta għal kontrolli diġà ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja<sup>78</sup>. Issa, f'dan ir-rigward, u kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni, il-miżuri previsti fl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 huma diġà esposti b'mod wiesa' ferm fil-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2012/635.

86. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

***b) Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità***

87. Bank Mellat isostni li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa vvizzjat minħabba applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità li wasslitu sabiex jikkonkludi li s-sistema kontenzjuża kienet konformi mal-imsemmi prinċipju. L-appellant jidentifika sitt ilmenti. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq definizzjoni mhux adattata tal-livell ta' sħarriġ li l-qorti tal-Unjoni għandha tapplika fil-każ ta' tali sistema. It-tieni huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tas-severità tas-sanzjonijiet. It-tielet huwa bbażat fuq żball ta' identifikazzjoni tal-għan segwit mis-sistema kontenzjuża. Ir-raba' huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tan-natura neċessarja tal-imsemmija sistema. Il-ħames huwa bbażat fuq żball ta' evalwazzjoni li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri alternattivi inqas restrittivi. Is-sitt u l-aħħar ilment huwa bbażat fuq teħid inkunsiderazzjoni mhux suffiċjenti, fl-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tas-sitwazzjoni individwali ta' Bank Mellat.

88. F'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-livell ta' sħarriġ ġudizzjarju xieraq, Bank Mellat isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova meta ma ddeċidietx dwar il-garanziji ġuridiċi li jirrigwardaw l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi individwali trasponibbli fil-kontest tal-evalwazzjoni tal-legalità ta' sistema ġenerali bħas-sistema kontenzjuża, u dan wassal għal ksur tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tagħha. Għalhekk ma kienx hemm żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali ddeċidiet<sup>79</sup> li l-ġurisprudenza invokata minn Bank Mellat quddiemha ma kellhiex tapplika sa fejn l-atti kontenzjużi, u b'mod partikolari r-Regolament Nru 1263/2012, kienu jikkostitwixxu atti ta' portata ġenerali li s-sistema ġuridika tagħhom kienet differenti minn dik ta' deċiżjonijiet individwali għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi individwali kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, li huma inklużi minħabba l-eżistenza ta' aġir personali, identifikat mill-Kunsill, li jikkorrispondi mal-kriterju ta' inklużjoni adottat minn dan tal-aħħar. Barra minn hekk, kif irrileva b'mod korrett il-Kunsill, is-sistema kontenzjuża ġiet adottata f'kamp li jimplika għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali u li fih il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet setgħa diskrezzjonali wiesgħa lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jagħmel dawn l-evalwazzjonijiet kumplessi b'tali mod li hija biss in-natura manifestament mhux xierqa meta mqabbla mal-għan li għandu jiġi segwit li setgħet taffettwa l-legalità tas-sistema kontenzjuża fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità<sup>80</sup>. Mill-punt 110 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali naturalment ivverifikat il-proporzjonalità tas-sistema kontenzjuża u, b'mod partikolari, jekk il-Kunsill setax jikkunsidra l-adozzjoni tagħha bħala xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha mingħajr ma tikkawża inkonvenjenzi eċċessivi għall-appellant. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali applikat il-livell ta' sħarriġ adegwat f'tali każ.

89. F'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tas-severità tas-sanzjonijiet, għalkemm l-appellant jidentifika b'mod ċar li l-kritika tiegħu saret kontra l-punti 205 sa 211 tas-sentenza appellata, madankollu għandu jiġi kkonstatat li huwa jillimita ruħu, għall-kumpliment, li jallega, mingħajr ma jissostanza, evalwazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tas-severità tas-sanzjonijiet. Fl-assenza ta' argumenti suffiċjenti mogħtija minn Bank Mellat fuq dan il-punt, l-eżami tal-argument jieqaf hawn.

78 Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill (C-440/14 P, EU:C:2016:128, punt 54).

79 Ara l-punti 100 *et seq* tas-sentenza appellata.

80 Ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 120). Ara wkoll is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill (C-440/14 P, EU:C:2016:128, punt 77).

90. F'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-għan li għandu jiġi segwit mis-sistema kontenzjuża, mill-ġdid, l-appellant jargumenta li l-Qorti Ġenerali kellha tirrikjedi mill-Kunsill li jipproduċi l-prova li l-imsemmija sistema u l-għan li allegatament għandu jiġi segwit kienu adegwati sabiex jipprekludu l-proliferazzjoni nukleari. Bank Mellat jikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali li tat wisq importanza lid-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u li ma kinitx kapaċi tidentifika liema kien l-għan illeġittimu li realment kien segwit, jiġifieri dak li ssir pressjoni ekonomika fuq l-Iran. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tal-appellant hawnhekk huwa indirizzat kontra parti tas-sentenza appellata li kkonċentrat fuq dak li l-Qorti Ġenerali kklassifikat bħala "l-ewwel għan"<sup>81</sup> jiġifieri<sup>82</sup> dak li jipprekludi l-proliferazzjoni nukleari, u li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha għad-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill sabiex tiddeċiedi li l-imsemmi għan kien effettivament segwit mis-sistema kontenzjuża<sup>83</sup> iżda ressqet l-analiżi tagħha iktar lil hinn billi kkonstatat li l-esperjenza tal-appellant fiha nnifisha tidher qed tikkorrobora d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill peress li Bank Mellat kellu jagħti ċerti servizzi lil entità inkluża mingħajr ma kien jaf<sup>84</sup>. Finalment, Bank Mellat ma għandux bażi sabiex isostni li ma saret l-ebda analiżi valida tal-għan li verament kellu jiġi segwit – jiġifieri li ssir pressjoni ekonomika fuq l-Iran – kif jixhdu l-punti 136 sa 143 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li mill-atti kkontestati ma jirriżultax li kellu jiġi segwit tali għan. Il-Qorti Ġenerali għalhekk identifikat b'mod korrett l-għan li għandu jiġi segwit mis-sistema kontenzjuża.

91. F'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tan-neċessità tas-sistema kontenzjuża, Bank Mellat isostni, essenzjalment, li s-sistema kontenzjuża tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jiġi segwit sa fejn tapplika għal entitajiet li kontribom ma jeżisti l-ebda indizju ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni u sa fejn ma jipprevedix eċċezzjonijiet suffiċjenti. Il-Qorti Ġenerali ma wrietx li l-embargo finanzjarju kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jiġi segwit u l-motivazzjoni f'dan ir-rigward kienet wiesgħa wisq. Madankollu, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali, wara li kkonstatat li s-sistema kontenzjuża kienet taq' fil-kuntest ta' tisħiħ ta' miżuri ristrettivi adottati kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, madankollu stabbilixxiet ċerta kontinwità mas-sistema ġenerali preċedenti, li fil-konfront tagħha Bank Mellat ma kienx allega nuqqas ta' neċessità, u li t-tisħiħ meqjus tas-sistema fi tliet aspetti<sup>85</sup> ma kellux l-effett li jagħmel is-sistema kontenzjuża mal-ewwel eċċessiva<sup>86</sup>. Barra minn hekk, l-appellant jidher li jikkritika lill-Qorti Ġenerali li estendiet il-konklużjonijiet misluta mill-analiżi tal-Grupp ta' azzjoni finanzjarja fil-qasam tal-proliferazzjoni nukleari billi kkunsidrat li dawn il-konklużjonijiet kienu juru lakuna sistematika tas-settur bankarju u finanzjarju Iranjan li kien jagħmel it-tisħiħ tal-kontroll tal-imsemmi settur li kienet twettaq is-sistema kontenzjuża koerenti mal-għan li jipprekludi l-proliferazzjoni nukleari. Madankollu jidhirli li din il-kritika ma taqax taħt l-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell peress li tikkontesta mill-ġdid quddiemha element fattwali invokat mill-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali<sup>87</sup> iżda li tiegħu Bank Mellat ma jinvokax l-iżnaturament. Fir-rigward tal-kumplement, diġà ġie kkonfermat li s-sistema kontenzjuża ma hijiex ibbażata fuq l-identifikazzjoni ta' riskju relatat ma' kull entità bankarja u finanzjarja ta' parteċipazzjoni fl-attività pprojbita u li tipprevedi serje ta' eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet li jtendu li jevitaw, sa fejn dan huwa possibbli, l-effetti negattivi ta' din is-sistema. Dawn huma żewġ element korrettament identifikati mill-Qorti Ġenerali u li jimmilitaw b'mod ċar favur il-konstatazzjoni li s-sistema kontenzjuża ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jiġi segwit.

81 Ara l-punti 117 *et seq* tas-sentenza appellata.

82 L-enfasi hija tiegħi.

83 Fil-punt 122 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali turi ċerta prudenza fir-rigward tal-premessi mressqa mill-Kunsill li huma mqasra fil-punt preċedenti tal-imsemmija sentenza.

84 Ara l-punt 126 tas-sentenza appellata.

85 Ara l-punt 164 tas-sentenza appellata.

86 Ara l-punt 165 tas-sentenza appellata.

87 Ara l-punt 167 tas-sentenza appellata.

92. F'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri alternattivi inqas restrittivi, Bank Mellat isostni li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx, abbażi tal-imsemmija miżuri, li s-sistema kontenzjuża setgħet tipprevedi li tkopri biss l-istabbilimenti finanzjarji li għalihom kien jeżisti dubju raġonevoli jew inkella sistema ta' eċċezzjonijiet iktar favorevoli jew regoli iktar trasparenti u inqas diskriminatorji. Issa, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tirrigwarda l-identifikazzjoni tal-lakuna sistematika tas-settur bankarju Iranjan li għadni kemm fakkart fl-opinjoni tiegħi turi n-neċessità li s-settur kollu jiġi suġġett għal sistema stretta li tkopri l-banek Iranjani kollha, mingħajr kunsiderazzjoni fir-rigward tal-implikazzjoni personali tagħhom fil-proliferazzjoni nukleari, u iktar u iktar li, fis-sistema kontenzjuża, ma kienx każ li jiġu pprojbiti t-trasferimenti kollha, iżda li t-trasferimenti jiġu ssuġġettati mhux biss għal sistema ta' notifika u ta' awtorizzazzjoni minn qabel iżda wkoll għal sistema ta' eżenzjoni, sabiex dawn it-trasferimenti jiġu evalwati fid-dawl tar-riskju li għandhom, jekk ikun il-każ, f'termini ta' proliferazzjoni nukleari. Barra minn hekk, ninnota li Bank Mellat ma jistabbilixxix kif il-miżuri alternattivi li huwa jipproponi ser ikunu effikaċi daqs is-sistema kontenzjuża, u dan definittivament jipprekludi l-ilment tiegħu milli jkun jista' jintlaqa'.

93. F'dak li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni individwali ta' Bank Mellat sabiex tiġi evalwata l-proporzjonalità tas-sistema kontenzjuża, l-appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali għandha tikkunsidra l-fatt li ma hemm l-ebda prova fil-konfront tiegħu ta' xi appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari u li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li s-sistema kontenzjuża ma kinitx neċessarja fir-rigward ta' dan l-element. Mill-ġdid, l-argument tal-appellant fuq dan is-suġġett jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata ta' dak li tirrappreżenta s-sistema kontenzjuża, jiġifieri sistema ġenerali li tapplika għal entitajiet li fil-konfront tagħhom ma kienx hemm bżonn li jiġi allegat aġir personali marbut mar-riskju ta' proliferazzjoni nukleari. Barra minn hekk, il-fatt li Bank Mellat ta mingħajr ma kien jaf servizzi lil entità inkluża fil-lista iktar jikkonferma n-neċessità ta' sistema ġenerali bħas-sistema kontenzjuża sabiex tiġġieled b'mod iktar effikaċi kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran. Dan huwa barra minn hekk dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 195 tas-sentenza appellata, b'tali mod li, kuntrarjament għal dak li l-appellant jallega u meta minkejja, fl-opinjoni tiegħi, li l-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata li tagħmel dan minħabba n-natura ġenerali tas-sistema kontenzjuża, din tal-aħħar ħadet inkunsiderazzjoni, parzjalment, is-sitwazzjoni tal-appellant iżda dan sabiex tissett konklużjonijiet kuntrarji għal dawk mixtieqa minn Bank Mellat.

94. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u peress li ma setax jiġi identifikat xi żball ta' liġi waqt l-eżami mill-Qorti Ġenerali tan-natura proporzjonata tas-sistema kontenzjuża, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

***c) Fuq it-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet li s-sistema kontenzjuża kienet konformi mal-prinċipji ġenerali tal-liġi***

95. Bank Mellat isostni li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat bħala inammissibbli, sa fejn indirizzati kontra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, l-ilmenti magħmula fil-kuntest tat-tielet aggravju mqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali u ddeċidiet b'mod żbaljat li s-sistema kontenzjuża ma kinitx kuntrarja għall-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll għall-obbligu ta' motivazzjoni u għall-garanziji proċedurali li bħala regola huma offruti fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi.

96. F'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tal-ilmenti magħmula kontra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, nirreferi għall-punti 66 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

97. F'dak li jirrigwarda l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret il-ġurisprudenza klassika dwar is-suġġett, korrettament ikkonkludiet li s-sistema kontenzjuża ssodisfat il-kriterji rikjesti r mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi r-rekwiżit ta' ċertezza legali bħala ssodisfatt<sup>88</sup>. Fir-rigward tan-natura tas-sistema inkwistjoni u l-modalitajiet ta' funzjonament tagħha bħal dawk li huma ddefiniti bl-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012, l-appellant ma għandu l-ebda bażi sabiex isostni l-eżistenza ta' xi preġudizzju għall-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li l-kundizzjonijiet li fihom notifika jew awtorizzazzjoni minn qabel kienu neċessarji kienu, fl-opinjoni tiegħi, iddikjarati b'mod ċar. Għalhekk jiena nista' biss naqbel mal-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li d-dispożizzjonijiet tas-sistema kkonċernata, b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) sa (4) tar-Regolament Nru 267/2012, "jiddefinixxu, b'mod suffiċjentement ċar u preċiż, il-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjonijiet u l-obbligi li jipprevedu"<sup>89</sup>.

98. Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-portata tal-obbligi proċedurali li għandhom jiġu żgurati minħabba l-adozzjoni tas-sistema kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali, qabel xejn, ivverifikat li l-motivazzjoni mogħtija lill-entitajiet koperti bis-sistema ġenerali ppermettiet lil dawn tal-aħħar li jifhmu r-*ratio legis* tal-imsemmija sistema sabiex ikunu jistgħu jikkontestaw, jekk ikun il-każ, il-legalità tagħha<sup>90</sup> qabel ma kompliet sabiex tagħmel distinzjoni, bejn il-garanziji proċedurali li għandhom jiġu żgurati lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi individwali minn dawk li għandhom jiġu offruti lil persuni li fil-konfront tagħhom tiġi applikata sistema ġenerali tat-tip tas-sistema kontenzjuża<sup>91</sup>. F'dan ir-rigward, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali tista' biss tiġi vvalidata peress li huwa ċar, kif fuq kollox diġà kelli l-okkażjoni li nenfasizza, li s-sistema kontenzjuża, kuntrarjament għall-miżuri restrittivi individwali, ma hijiex ibbażata fuq allegazzjoni speċifika ta' aġir personali kuntrarju għall-għan tal-PESK li għandu jiġi segwit iżda fuq ir-riskju ta' użu mill-Iran ta' banek u stabbilimenti finanzjarji li jinsabu fit-territorju tiegħu għal finijiet ta' proliferazzjoni nukleari, inkluż mingħajr l-għarfien tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-garanziji proċedurali offruti fil-fażi preċedenti l-adozzjoni tal-att huma totalment differenti minn dawk li jidhru fis-seħħ mal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi individwali<sup>92</sup>. Is-sistema kontenzjuża speċifikament ma hijiex deċiżjoni individwali indirizzata lil Bank Mellat. Kuntrarjament għal dak li jsostni Bank Mellat, u fid-dawl tad-differenza bejn is-sistema ġuridika applikabbli għall-miżuri restrittivi individwali u dik applikabbli għas-sistema kontenzjuża, il-konklużjonijiet misluta mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-istħarriġ ta' legalità ta' miżuri restrittivi individwali huma għal kollox awtonomi meta mqabbla ma' dawk li huwa seta' jikseb fil-kuntest tar-rikors intiż sabiex jikkontesta l-legalità tas-sistema kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma kienx hemm żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u ta' ksur ta' garanziji proċedurali rikjesti fil-każ ta' miżuri restrittivi.

99. Finalment, f'dak li jirrigwarda l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, mingħajr żball ta' liġi, li t-trattament differenti tal-entitajiet Iranjani li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tas-sistema kontenzjuża kien iġġustifikat min-natura stess tas-sistema li kienet intiża sabiex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra kull riskju ta' proliferazzjoni nukleari fl-Iran, ladarba ġie stabbilit li dawn l-entitajiet setgħu, anki mingħajr ma jkunu jafu, jipparteċipaw fil-finanzjament tal-imsemmija proliferazzjoni. Fir-rigward tal-argument tal-appellant li dan it-trattament differenti ma huwiex neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jiġi segwit u li kienu jeżistu miżuri oħra inqas restrittivi, jien nikkunsidra li huwa intiż sabiex jerġa' jikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li saret fil-kuntest tal-istħarriġ ta' proporzjonalità tas-sistema kontenzjuża u għalhekk nirreferi għall-analiżi tiegħi fil-kuntest tat-tieni aggravju ta' dan l-appell.

88 Ara l-punti 242 u 243 tas-sentenza appellata.

89 Punt 243 tas-sentenza appellata.

90 Ara l-punti 226 sa 229 tas-sentenza appellata.

91 Ara l-punti 232 sa 240 tas-sentenza appellata.

92 Ara, għal sommarju ta' dawn il-garanziji, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran* (C-27/09 P, EU:C:2011:853, punti 64 sa 66).

100. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

## V. Fuq l-ispejjeż

101. L-ispejjeż għandhom jiġu deċiżi biss fir-rigward tal-konklużjoni prinċipali tiegħi, jiġifieri l-inammissibbiltà tal-appell. Madankollu, jien naħseb li kieku l-Qorti Ġenerali kienet ittrattat b'mod korrett il-kwistjoni tan-nuqqas tal-interess ġuridiku matul il-proċeduri quddiemha u li kieku kkonstatat li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni, dan seta' jwassal lill-appellant sabiex jirrinunzja milli jippreżenta dan l-appell. Għalhekk dan l-element għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu kkalkolati l-ispejjeż.

102. B'hekk, skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titef għandha tbat l-ispejjeż, jekk dawn ikunu mitluba. Peress li l-Kunsill talab li Bank Mellat jiġi kkundannat għall-ispejjeż u l-appell ippreżentat minnu għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż relatati mal-appell. Għall-kuntrarju, u għar-raġunijiet esposti preċedentement, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika l-aħħar sentenza tal-Artikolu 184(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tiddeċiedi li r-Renju Unit u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

## VI. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara u tiddeċiedi dan li ġej:

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Bank Mellat huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.